Kunsill Lokali

Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 17**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar it-Tlieta, 15 ta' April 2025. Il-Laqgħa bdiet fl-16:00.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

Josef Charles Hili – Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsillier

George Żammit – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Heidi Grech – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**17.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sa. Simona Refalo ippresediet l-laqgħa.

**17.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-membri kienu kollha preżenti.

**17.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 9 u Skeda ta' Pagamenti 1;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 15 u 16 ġew moqrija, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali. L-Iskeda ta' pagamenti Nru 4 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

**17.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Is-Sindku rreferiet għall-komunikazzjoni tagħha li se ssir ma kull suġġett fl-aġenda. Il-Kunsilliera ma kellhomx mistoqsijiet.

Il-Kunsillier Paul Azzopardi ressaq talba għas-sinjali sofor fi Triq San Bert. Se jkun qed jinfurmhom li jridu jiksbu n-no objection ta' sid il-propjeta ta' faċċata.

Ressaq ukoll talba għal bozza ġdida ħdejn il-Kajselli. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Kunsilliera Jeannelle Attard ressqet talba għal mera fi Triq l-Indipendenza. Is-Sindku rrimarkat li hemm xi issues bejn ir-residenti dwar din.

**17.5 Attivitajiet Soċjo-Kulturali**

**Mother's Day:**

Ġie deċiż li għal din l-attivita' tittella fl-10ta' Mejju, tibda b'quddiesa u wara jiġi pprovdut t-trasport għal *The View* fiż-Żebbuġ. Is-Seg. Eżekuttiv kienet infurmata li kien ngabbru tlett kwotazzjonijiet sabiex intgħażel il-venue. Kien hemm qbil ukoll li jinxtraw il-pjanti. Kull persuna se tħallas €25 li jinkludi l-ikel, cafe' u trasport. Il-Kunsillier Josef Ħili jipproponi li jekk jibqa xi qligħ mill-attivita' dawn jingħataw lil għaqda għar-restawr tal-knisja. Kien hemm qbil ma dan.

**Beer Fest:**

Ġie deċiż li din l-attivita' tittella s-Sibt, 9ta' Awwissu 2025. Is-Sindku semmiet l-importanza li jiġu stabiliti l-attivitajiet li se jtella l-Kunsill sabiex dawn ikunu jistgħu jitniżżlu fil-booklet li jippubblika l-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Kunsillier Josef Ħili se jgħaddi l-informazzjoni lis-Seg. Eżekuttiv u wara l-Kunsill japplika għal fondi mill-MGP.

Food Festival – 11 u 12 ta' Lulju 2025

Tiġrija taż-żwiemel – 14ta' Ġunju 2025

LeVant – 13ta' September 2025

Jungle Safari – għadu ma ġiex deċiż hux se ssir

Attivita' Kulturali – Is-Sindku ssuġġeriet li ssir esibizzjoni ta' apparat u/jew materjal relatat maż-żwiemel, memorji matul iż-żmenijiet. Ġie deċiż li jsiru stands apposta għal dan. Din l-attivita' se ssir il-

Ħadd, 25ta' Mejju 2025 fil-pjazza ta' fejn il-Ġibjun. Din id-deċiżżjoni se tiġi kkomunikata ma Reġjun Għawdex sabiex l-attivita' u d-data tiġi kkonfermata.

Il-Kunsilliera Jeanelle fakkret Festa Tfal fejn is-soltu jagħtu ġelat u xi ħaġa ta' San Ġwann. IS-Sindku semmiet li din se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsillier Paul Azzopardi semma l-bżonn li l-Public Convenience tal-Pjazza tibqa miftuħa sas-1.00a.m. u mhux tingħalaq kif ukoll li nassiguraw li tinżamm nadifa. Ġie msemmi wkoll il-bżonn li jkun hemm uffiċċjal biex ma jkunx hemm vandaliżmu. Is-Sindku semmiet li attendant ikun hemm dejjem.

**17.6 Ħruġ u għoti ta' Offerti**

Ġie diskuss il-bżonn li toħroġ sejħa għal offerti għat-tindif fil-ġimgħa tal-Festa. Kien hemm qbil li tiġi ppubblikata e-quotation għal dan is-servizz ta' tindif fil-perjodu ,tal-festa kif ukoll jinkorpora t-tindif ta' wara t-tiġrija taż-żwiemel.

Kien hemm qbil ukoll sabiex toħroġ sejħa għal trasport, tpoġġiha u tneħħiha tal-blokok tal-Konkrit li jridu jintużaw għat-tiġrija. Is-Sindku semmiet li l-MGP se jkun qed jgħin bi provediment tal-istess blokok.

Minħabba li l-perjodu huwa wieħed qasir kien hemm qbil sabiex dawn l-offerti jkunu ppubblikati bi proċedura aċċellerata.

**17.7 Skemi SPI.SCI.02.2025 – SPI.SCI.07.2025**

Wara li ġew diskussi l-iskemi, ġie deċiż li jekk moħriet jitqies bħala apparat għal tindif tal-ġonna, allura napplikaw għal-iskema SPI.SCI.02.2025 – Lokalitajiet aktar nodfa. Fl-eventwalita li le allura ma napplikawx.

Skema SPI.SCI.06.2025 - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Ġie deċiż li napplikaw għal fondi sabiex isir proġett ta' manutenzjoni lill-pedamenti tal-Pjazza. Ġie diskuss ukoll il-possibilta' li l-cables tad-dawl jinżlu fit-trunking li diġa kien sar. Is-Sindku se tkun qed tieħu ħsieb tiltaqa mal-Perit tal-Kunsill u jipprepara BOQ u dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni.

Skema SPI.SCI.02.2025 – Finanzjament Milied – Ġie deċiż li l-Kunsill japplika sabiex tittella attivita' tal-Milied li tinkludi Christmas Market bħal ma kien sar is-sena preċedenti. Ġie maqbul li din is-sena nippruvaw nżidu attivitajiet oħra bħal ma huma Cookies with Santa.

Skemi oħrajn se jiġu diskussi fil-laqgħat li ġejjin.

**17.8 Performance Bonus u assimilazzjoni fil-Grad għall-ħaddiema klerikali.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għad-diskussjoni l-performance bonus tal-iskrivani, s-Sa Mary Haber u s-Sinjur ChrisMar Xuereb. Ġie maqbul li dawn għandhom jingħataw performance bonus kollu, jiġifieri 10%.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li wara l-collective agreement li sar għal ħaddiema klerikali, l-Kunsill irid jħallas l-arretrati lil istess ħaddiema, jiġifieri lil Mary Haber u ChrisMar Xuereb. Kien hemm qbil sabiex dawn jitħallsu l-arretrati skont kif stipulat u intitolati lilhom.

**17.9 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Ġiet diskussa talba għal kumpens mingħand residenta għal ħsara fir-roti tal-vettura tagħha. Dan l-inċident seħħ minħabba bankina li għandha estensjoni tal-bankina irregolari (add on mal-bankina eżistenti) fi Triq San Ġwann Battista. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ma qablitx li jingħata kumpens minħabba illi dan se jkun qed joħloq preċedent. Ġie deċiz li nitolbu lil Avukat tal-Kunsill jikteb lir-

resident biex ineħħi l-add on u jinfurmha li mil-lum il-quddiem se tkun hi responsabbli għal dak li jiġri minħabba fiha. Ġie deċiż ukoll li r-residenta li sofrit id-danni għandha tiġi kkompensata u għalhekk il-Kunsill se jilqa t-talba tagħha.

- Ċirkulari AKL2025/027 Local Sustainability Award

- Talba biex jinbidlu t-tabelli ta' Triq ta' Ħraba minħabba li dawn għandhom isem ħażin li huwa ta' Kraba.

- Innovative training projects by TCTC Malta

- Talba minn residenti ta' Apt Building Pears 1 fi Triq Lorenzo Zammit Ħaber sabiex terġa ssir l-street hump. Kien hemm qbil li nressqu t-talba lil Transport Malta

- Talba mingħand persuna li xtaq japplika għall-kaxxa fil-monti biex ibigħ detergents bir-refill. Din it-talba ma ġietx milqugħa minħabba li l-Fuittika ibigħ ukoll dawn il-prodottu u ma jridux li jtellfu lill-ħwienet lokali.

- Oasi Foundation Cup Run and Fun Walk 2025

- Talba mingħand il-librara sabiex taħdem ftit aktar sigħat Is-Sindku se tkun qed tiltaqa magħha.

- Talba mingħand l-Għaqda Armar għall-kollaborazzjoni ta' rally li se ssir fl-24ta' Mejju. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkolabora sa massimu ta' €300.

- Talba mill-Kumitat Żgħażagh Brijużi Xewkin sabiex jużaw l-screen waqt iż-żewġ BBQ's fi Ġnien Blankas. Dan qed jitolbu li jużawh sabiex juru l-isponsors li jkunu ġabru. Il-Kunsill laqa t-talba tagħhom biex jużaw l-iscreen.

- Talba għal shifting ta' bozza li tinsab ħdejn il-propjeta Venere' Triq ta' Ġokk.

- Ilment dwar vetturi li qed jitħallew ipparkjati fuq il-bankina ħdejn il-Kappella tal-Ħniena fi Mġarr Road.

- Talba biex isir patching fi Triq il-Mitħna.

- Talba mingħand Dun Karm mill-Kappella ta' Ħamet biex jinqatgħu l-hedges li hemm maż-żuntier tal-Kappella.

- Talba mill-iskola Primarja tax-Xewkija sabiex issir tabella li turi l-ħinijiet tal-iskola minħabba l-għeluq tat-triq kif ukoll biex isiru barriers apposta.

- Talba biex jinqata l-ħaxix ta' Rotuns fil-parti fejn it-triq għada bit-trab.

- Talba mir-residenti sabiex isir manutenzjoni fuq il-bandli ta' Ġokk peress li hemm l-imkissrin.

- Talba mis-sid tal-Boċċi Xewkija Club sabiex il-modem tal-internet li jintuża għal bandli tal-Ħamrija terġa titneħħa minn mal-binja tal-boċċi u tiġi rilokata f'post ieħor fil-bandli stess. Is-Sindku qed tieħu ħsieb din it-talba.

- Is-Sindku semmiry li l-għaqda Armar għandhom bżonn it-tappieri li se jintużaw għat-toqob li qed isiru mill-Kunsill. Kien hemm qbil li dawn jiġu pprovduti.

- Il-Kunsilliera Jeanelle Attard resqet il-bżonn li ssir triq Dun Ġużepp Grech għaliex fiha ħafna ħofor. Is-Sindku se tkun qed tieħu ħsieb li jinkisbu l-kwotazzjonjiet.

- Il-Kunsilliera Attard ressqet ukoll il-bżonn li titnaddaf parti Triq Ġużepp Vella.

SR

- Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-impjegat Keith Caruana li kien beda xogħol mal-Kunsill ftit ġimgħat ilu se jiġi rreġistrat mal-Jobplus u jsirlu wkoll kuntratt ta' impjieg bħala Driver mail-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

**17.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-17.30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 7 ta' Mejju 2025 fl-17.00

Konfermati illum 7 ta' Mejju 2025

Simona Refalo

Sindku

Heidi Grech

Aġent Segretarju Eżekuttiv